MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru 361/2014

**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**ANDREW CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Andrew Cachia, bin Mario u Margaret nee' Farrugia, mwieled fil- 11 ta' Awwissu 1988, residenti 67, Triq Ninu Cremona, Paola u deetntur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 376988M;

Talli fl- 24 ta' Novembru 2013 ghal habta tas- 17.45hrs go Triq il- Korp tal- Pijunieri, San Pawl il- Bahar;

1) Saq il- vettur CBJ 606 b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat- trafiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Janica Penza skont kif iccertifikat Dr Charmaine Cremona MD Reg 3222 mill- Mosta Health Clinic;

2) B' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat- traffiku, habat ma' vettura numru ABJ 237 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad- dannu ta' Sean Farrugia;

3) Saq il- vetura CBJ 606 minghajr ma kellu licenzja tas- sewqan mill- Awtorita' Dwar it- Trasport ta' Malta jew minghajr licenjza tas- sewqan specifikata ghal dik il- vettura;

4) Saq l- istess vettura minghajr ma kien kopert (persuna)/ kienet (vettura) b' polza tas- sigurta dwar ir- riskji tat- terzi persuni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi t-tielet u r-raba' imputazzjoni ma jirrisultawx, peress illi l-imputat kellu licenzja tas-sewqan kif ukoll polza tal-assikurazzjoni tkopri l-vettura msemmija;

Rat illi l-imputazzjonijiet jaqghu kollha taht l-Artikolu 328 tal-Kap 9, u ghalhekk il-kawza kellha titmexxa sommarjament minn din il-Qorti;

Rat, inoltre, li l-parti leza Janica Penza kienet fieqet ghal kollox mill-griehi sofferti f'dan l-incident, u kienet qed tirrinunzja ghal kull azzjoni fil-konront tal-imputat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikolu 3(1) tal-Kap 104, l-Artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Kap 65, u l-Artikoli 226 u 328 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ma ssibx lill- imputat hati tat- tielet (3) u r- raba’ (4) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Fuq ammissjoni tal- ewwel (1) u t- tieni (2) akkuzi ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, ai termini tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------